**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 11 ta' Ottubru 2019**

**Rikors Numru : 70/2019JPG**

**Kawza Numru : 27**

**BE**

**Vs**

**PE**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' BE, datat 7 ta' Frar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Il-partijiet izzewgu fil-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elf disa' mijja sitta u tmenin (1986) bir-rit civili bl-att taz-zwieg numru elf mitejn sitta u disghin tas-sena elf disa' mijja sitta u tmenin (1296/1986) hekk kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u market bhala Dok A.*

*Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.*

*Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Alexandra Micallef fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010), kopja liema kuntratt qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok B;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli, jew remot, ghal rikonciljazzjoni bejn il-*

*partijiet stante illi dawn ilhom jghixu b'mod separat minn xulxin ghal aktar minn disa' (9) snin cioe' minn qabel Marzu tas-sena elfejn u ghaxra u illum il-gurnata ghandhom hajja totalment separati minn xulxin;*

*Illi l-esponenti u l-intimata kienu ddekadew mid-dritt illi jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin;*

*Illi l-esponenti jixtieq li jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;*

*Ghaldaqstant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti lilu gal daqshekk minn din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dana jigi debitament irregistrat fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-konvenut PE, datata 29 ta' Mejju 2019, a fol 18 li taqra hekk:

*Illi din ir-risposta qieghda issir ghar-rikors tar-rikorrenti ipprezentat fis-7 ta' Frar 2019, fejn l-istess rikorrenti talbet id-divorzju taz-zwieg kontratt bejn iz-zewg partijiet.*

*Illi huwa jiddikjara illi di principju huwa m'ghandu xejn kontra ma jopponix it-talba sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju bejnu u bejn ir-rikorrent;*

*Illi ghal kull buon fini qieghed jkun specifikat illi l-esponenti diga prezenta nota fl-atti ta' din il-kawza datata 3 ta' April 2019, li permezz taghha huwa iddikjara li hu ma jopponix ghat-talbiet attrici (kopja ta' liema hija hawn annessa u immarkata bhala Dok 'A');*

*Madankollu l-esponenti jissottometti li huwa m'ghandhux ibaghti l-ebda spejjez konnessi ma' dawn il-proceduri, in kwantu huwa m'ghandu l-ebda interess biex jigi ottjenut tali divorzju;*

*Ghaldaqstant, f'kaz li t-talba rikorrenti tigi milqugha, ir-rikorrenti ghandha tigi kundannata biex thallas l-ispejjez kollha relatati ma' dawn il-proceduri.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**BE** xehdet illi l-partijiet izzewgu fil-31 ta' Lulju 1986 u kienu ottjenew s-separazzjoni personali fl-24 ta' Marzu 2010 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**PE** xehed u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-31 ta' Lulju 1986 (vide Dok A, a fol 3) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Alexandra Micallef datat 24 ta' Marzu 2010 (vide Dok.B fol 4 et seqq.) u li ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin stipulati fil-ligi;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum,**

**javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**